# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru III**
**Illum il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 199/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis sive Frankie Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis sive Frankie Cutajar talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' April 1996, u fit-tnax-il xahar qabel dina d-data: (**1**) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu; (**2**) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; (**3**) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew parti minnha, u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-ligijeit ta' Malta; (**4**) fil-perjodu matul l-1994 u fl-ahhar sentejn qabel din id-data, biegh jew xort'ohra ittraffika ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, bi ksur tal-Artikolu 8(a) [**recte:** 8(b)] tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Francis sive Frankie Cutajar hati skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tieni imputazzjoni, izda lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra, u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn u nofs (mill-liema zmien ghandu jitnaqqas il-perijodu li l-imputat dam mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz) u multa ta' tlett elef lira (Lm3000) konvertibbli f'sitt xhur prigunerija fil-kaz ta' nuqqas ta' pagament; inoltre dik il-qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u tal-oggetti relatati ezibiti "a kariku tal-espert forensiku l-ispizjar Mario Mifsud";

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Francis sive Frankie Cutajar, minnu ppresentat fit-18 ta' Settembru, 2000 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-

imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat ukoll mill-ewwel zewg imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. Il-fatti jistghu jigu brevement riassunti hekk: fit-18 ta' April, 1996 pulizja tal-iskwadra ta' kontra d-drogi waqqfu lill-appellant kif appena huwa hareg mill-kancell li hemm quddiem id-dar tieghu (li ggib l-isem ta' "Moonshine") fi Triq Rinella, l-Kalkara, u kien ser jidhol fil-karozza tieghu. Huma ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu u fil-vettura, izda ma nstab xejn. Imbghad saret tfittxija fid-dar, mnejn gew elevati, fost affarijiet ohra, kwantita` ta' boroz tal-karti bojod vojta mhux uzati (Dok. NH3). Gewwa d-dar, pero`, ma nstabitx droga. Ta minn jghid li d-dar in kwistjoni hija wahda minn dawk originatjament uzati mis-Servizzi Inglizi, ghandha "grounds" madwarha imdaqqsin, u ghandha quddiemha speci ta' "perimeter wall" jew "boundary wall" li kien, jew kien intiz biex, jiccirkonda l-proprjeta` kollha li dari kienet f'idejn is-Servizzi Inglizi. Wara li ghamlu tfittxija madwar id-dar u kif kienu ser johorgu minn fuq il-proprjeta` in kwistjoni, instabu zewg boroz tal-karti bojod <u>f'toqba fuq gewwa tal-hajt</u> ("boundary wall") <u>fuq in-naha tal-lemin tal-kancell int u thares lejn il-kancell minn gewwa ghal barra</u>. F'wahda minn dawn il-boroz kien hemm tnax-il blokka zghira raza tal-cannabis individwalment imgezwrin go *aluminium foil*; fil-borza l-ohra kien hemm sitt blokki zghar ohra raza tal-cannabis (ta' dimesjonijiet, pero`, ftit differenti mill-ohrajn) li wkoll kienu individwalment imgezwrin go *aluminium foil*. Dan il-kancell hu munit b'"intercom" jew "entry phone", b'mod li mill-kamra ta' l-ikel tal-appellant wiehed jista' jitkellem ma' minn ikun fit-triq barra l-kancell (ara l-istqarrija tal-appellant, Dok. NH8). Bejn il-kancell u d-dar proprja hemm distanza ta' bejn erba' u hames metri. Kif gie osservat mill-espert Dott. Anthony Abela Medici fir-relazzjoni tieghu, iz-zewg boroz li fihom kien hemm ir-raza "kienu identici ghal dawk misjuba fid-dokument NH3 fid-daqs, forma u kulur tal-karta" (fol. 85). Quddiem l-ewwel qorti xehed ukoll (u aktar minn darba) certu Julian Cuschieri li qal li f'xi zmien qabel Lulju ta' l-1996 huwa kien xtara r-raza tal-cannabis diversi drabi minghand l-appellant.

2. L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li a bazi tal-provi kollha prodotti, cioe` kemm dawk tal-prosekuzzjoni kif ukoll dawk migjuba minnu quddiem l-ewwel qorti, hu ma kellux jinstab hati li kellu l-"pussess" tar-raza in kwistjoni, u wisq anqas, ghalhekk, kellu jew seta' jinstab hati ta' pussess f'cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-appellant, bazikament, jikkontendi li il-hajt in kwistjoni kien fih toqob li kienu jinfdu minn naha ghal ohra tieghu, b'mod li xi hadd minn barra (cioe` mit-triq) seta' facilment pogga z-zewg boroz fit-toqba. Din il-Qorti, pero`, bhall-ewwel

qorti, hi sodisfatta li t-toqba fejn effettivament instabu z-zewg boroz ma kienitx tinfed, u dan minkejja r-ritratti ezibiti mill-appellant a fol. 120 tal-atti. A propositu ta' dawn ir-ritratti (li, veru, juru zewg toqob fil-hajt – wahda fuq kull naha tal-kancell – li wiehed jista' jpoggi hi haga fihom kemm minn gewwa kif ukoll mit-triq), din il-Qorti tosserva li filwaqt li meta l-appellant, allura imputat, xehed l-ewwel darba fl-24 ta' Ottubru, 1997 qal li dawn ir-ritratti kien hadhom il-Perit Muscat Azzopardi xi xaharejn qabel meta l-istess perit ghamel il-pjanti ezebiti a fol. 121 – fatt, dan, indirettament konfermat mid-data fuq it-tlett pjanti li hi ta' Awissu, 1997 – meta imbghad xehed waqt l-access mizmum mill-ewwel qorti, biex jipprova jgibha qrib il-likk, qal li r-ritratti kien hadhom hu (l-appellant stess) "…hekk kif telqu l-pulizija jew ftit wara…xi gimgha wara kienu ttiehdu r-ritratti ezibiti minni…" (ara fol. 142). Din il-Qorti ftit li xejn tista` toqghod fuq dak li jghid l-appellant meta jikkontradici ruhhu, biex ma jinghadx igiddeb lilu nnifsu, b'mod hekk lampanti! L-appellant jikkontendi wkoll li anke jekk, se mai, it-toqba fejn instabu fil-hajt ma kienitx tinfed, il-"grounds" tad-dar kienu accessibbli minn proprjetajiet ohra fil-qrib, b'mod li xi hadd seta' pogga dik id-droga fejn effettivament sabuha l-pulizija. Hu jghid ukoll li ghamel zmien kellu problemi familjari ma' martu u "li kien hemm terza persuna li riedet taghmel hsara lill-esponenti sabiex il-konjugi Cutajar jigu mifruda u ghalhekk l-esponenti kellu jitwemmen aktar milli gie meta huwa cahad li kellu fil-pussess tieghu din il-pjanta [**<u>recte</u>:** raza tal-] cannabis" (ara r-rikors ta' appell, fol. 195). Dwar l-ewwel punt, u cioe` l-accessibilita` ghat-toqba *de quo* minn persuni ohra, din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, tosserva li jirrisulta li fil-"grounds" bejn id-dar u l-hajt l-appellant kien ihalli jdur kelb imdaqqas. Fi kliem l-allura surgent Abraham Zammit, "Il-gate maghluq u minn jidhol ikun qed jissogra hajtu ghax hemm kelb Alla jbierku" (ara d-deposizzjoni ta' dan is-surgent tas-27 ta' Mejju, 1996). Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huwa improbabbli li xi hadd dahal fil-"grounds" tad-dar u mar hekk vicin id-dar biex qieghed il-boroz proprju ma genb il-kancell fuq in-naha ta' gewwa. Apparti minn hekk, il-post fejn instabu l-boroz kien vicin bizzejjed tad-dar proprja li jista' jinghad li kien taht il-kontroll effettiv tal-appellant, b'mod ghalhekk li jista' wkoll jinghad li l-boroz instabu fil-pussess tieghu. Kwantu ghat-tieni punt, u cioe` dwar persuna li trid taghmillu l-hsara minhabba kwistjonijiet familjari, l-appellant la fl-istqarrija li ghamel lill-pulizija u lanqas meta xehed quddiem l-ewwel qorti ma gharaf isemmi lil hadd b'ismu. Fi kliem iehor, il-persuna li allegatament riedet taghmillu hsara jew tittradih baqghet "innominata".

3. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-process, hi tal-fehma li l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti kemm dwar il-pussess kif ukoll dwar ic-cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant kienet wahda li dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha a bazi tal-provi li kellha quddiemha.

Wiehed ma jridx jinsa li l-ewwel qorti kellha mhux biss l-opportunita` li tisma` x-xhieda *viva voce*, izda addirittura zammet anke access fuq il-post biex tkun tista' tiehu ideja aktar tajba tal-lokalita` u ta' fejn ezattament instabet id-droga.

4. It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena. Frankament din il-Qorti ma tara li hemm xejn x'ticcensura fil-piena erogata mill-ewwel qorti ghal dik li hija prigunerija, liema piena hija fil-parametri tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 u hija proporzjonata ghall-fatti tal-kaz *de quo*. Dak li din il-Qorti tara li ghandu jigi varjat hija l-piena pekunjarja; galadarba l-piena karcerarja kienet aktar ixxaqleb lejn il-minimu milli lejn il-massimu, hekk ukoll kellha tkun il-piena pekunjarja. Mill-bqija, pero`, il-pretensjoni ta' l-appellant, li effettivament qed jippretendi li l-piena kellha tkun dik indikata fis-sub-paragrafu (ii) tal-imsemmi Artikolu 22(2)(b), hija bla bazi.

5. Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' tlett elef lira (konvertibbli f'sitt xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi), u minflok tikkundannah multa ta' elf u sitt mitt lira (Lm1,600) (konvertibbli fi tlett xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur